MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Numru 151/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Morgan Azzopardi)**

**vs**

**Lewis Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Lewis Camilleri bin Charles u Vincenza nee' Avellino imwieled Vittoriosa fil-11 ta' Ottubru, 1955 u residenti 'Lourit' Triq il-Berebis, Zabbar, detentur ta' karta ta' identita numru 699655(M) akkuzat talli Haz Zabbar fil-21 ta' Jannar 2000 u fis-sitt snin ta' qabel, bhala proprjetarju jew konsumatur tal-fond 'Lourit House' Triq il-Berebis, Haz Zabbar u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-istess fond, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta’ iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta’ dawl elettriku li jammonta ghal aktar minn Lm259.172 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termini ta’ l-Artikolu 261, 263, 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess cirkostanzi ghamel, hassar, jew kisser xi parti minn xi meter ta’ l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista ta’ l-elettriku, jew is-sigilli taghhom, liema hsara tammonta ghal Lm10 ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta bi ksur ta’ l-Artikolu 326(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mitluba li tapplika wkoll l-Artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Illi l-Artikolu 264 tal-Kap 9 jitfa l-oneru tal-prova fuq l-imputat meta si tratta, fost ohrajn, ta’ ksur ta’ fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta’ xi sigil ta’ xi meter, jew l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ kurrent elettriku, jew li bihom jista’ iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata. Il-prosekuzzjoni ghandha biss l-oneru li tipprova, f’kazijiet ta’ dan it-tip, u sal-grad rikjest mill-ligi, l-ezistenza tal-ksur u/jew il-mezzi qarrieqa flimkien mal-fatt

li l-imputat ikun id-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond. Ippruvati l-istess ikun jispetta lill-imputat li jipprova hu li ma kienx jaf bil-ksur u/jew il-mezzi qarrieqa.

Fil-kaz in disamina jirrizulta li l-meter kellu s-sigill ta' fuq maqtugh, il-laghatu tieghu laxk u l-'gasket' imqatta fuq l-istess naha fejn kien hemm is-sigill maqtugh.

Issa fil-fehma tal-qorti l-imputat ma offrix spjegazzjoni plawsibbli li sal-grad tal-probabbli jehleb l-oneru mixhut fuqu ghal dawn in-nuqqasijiet riskontrati fil-meter u sodisfacjentement pruvati mill-prosekuzzjoni. F'dan il-kuntest il-qorti taqbel mal-osservazzjoni tal-espert tekniku nominat fl-inkjesta li mhux verosimili li, ghal inqas ghal ahhar zewg nuqqasijiet, kienu responsabbli l-addettti ghas-Servizz tal-Ilma li kienu f'xi zmien qabel marru ghamlu xi xoghol. In bazi ghal din il-konkluzjoni li waslet ghaliha din il-qorti jsegwi li l-imputat ma irnexxilux jipprova almenu sal-grad tal-probabbli li ma kienx jaf bil-ksur jew bil-mezzi qarrieqa. Filwaqt ghalhekk illi mhux in dubbju li l-imputat kien jipposjedi u jiddetjeni l-fond fejn kien il-meter, ghandu jinstab hati ghal din l-akkuza. Mhux ukoll pero fuq it-tieni akkuza fejn il-prova hi interament fuq il-prosekuzzjoni li ma tirrizultax li saret kif mitlub skond il-ligi.

Ghalhekk, issib l-imputat hati tal-ewwel akkuza izda mhux tat-tieni li minnha tilliberah. Rat fir-rigward l-ewwel akkuza l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 279, 280, 21 tal-Kap 9 u tikkundannah Lm50 multa.

Billi l-esperti nominati ma rrelatawx quddiema izda fl-inkjesta tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghal kundanna tal-imputat ghal tali spejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------